***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis 27 ta' Gunju 2019.**

**Rikors Numru: 655/2019//1LSO**

**Carmelina Borg (K.I. nru. 73537(M)), Maryanne sive Mirian Vella (K.I. nru. 846547(M)), Agostina sive Ina Cini (K.I. nru. 809249(M)), Angela sive Gillian Gauci Borda (K.I. nru. 469153(M)), Claude Grima (K.I. nru. 209574(M)), Simon Grima (K.I. nru. 483466(M)), Anjelica Ellul (K.I. nru. 295469(M)), Edward Grima Baldacchino (K.I. nru. 384167(M)), Gordon Grima**

**Baldacchino (K.I. nru. 322269(M)), Vanessa Frazier (K.I. nru. 322369(M)), Carmel sive Charles Grima (K.I. nru. 117338(M)), Gemma Brownrigg (K.I. nru. 318542(M)), Alessandra Spiteri (K.I. nru. 331162(M)), Angelo Grima (K.I. nru. 135264(M)) u Victoria Grima (K.I. nru. 624843(M))**

**vs**

**Frances Desira (K.I. nru. 468750(M)), Camelo Vassallo (K.I. nru. 78876(M)), Project Technik Ltd (C-48668), George Grech (K.I. nru. 38670(M)) u Jean Pierre Attard 0096684(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Carmelina Borg (K.I. nru. 73537(M)), Maryanne sive Mirian Vella (K.I. nru. 846547(M)), Agostina sive Ina Cini (K.I. nru. 809249(M)), Angela sive Gillian Gauci

Borda (K.I. nru. 469153(M)), Claude Grima (K.I. nru. 209574(M)), Simon Grima (K.I. nru. 483466(M)), Anjelica Ellul (K.I. nru. 295469(M)), Edward Grima Baldacchino (K.I. nru. 384167(M)), Gordon Grima Baldacchino (K.I. nru. 322269(M)), Vanessa Frazier (K.I. nru. 322369(M)), Carmel sive Charles Grima (K.I. nru. 117338(M)), Gemma Brownrigg (K.I. nru. 318542(M)), Alessandra Spiteri (K.I. nru. 331162(M)), Angelo Grima (K.I. nru. 135264(M)) u Victoria Grima (K.I. nru. 624843(M)) datat it-23 ta' Mejju 2019 fejn jinghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandhom interess li jitharsu l-jeddijiet taghhom;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, jixtiequ izommu l-intimati milli:

Fir-rigward ta' Frances Desira (PA/6622/18) riferenza ghas-sit gewwa Triq Giovanni Scicluna c/w Triq in-Narcis / Triq Gdida fi, Triq Giovanni Scicluna, Hal Ghaxaq, Malta li fuq l-istess gie mahrug il-permess bir-riferenza PA/6622/18

Fir-rigward ta' Carmelo Vassallo (PA/3323/18) riferenza ghas-sit gewwa Triq Patri Girgor Grima, Ghaxaq, Malta li fuq l-istess sit gie mahrug il-permess bir-riferenza PA/03323/18.

Fir-rigward ta' Carmelo Vassallo (PA/05397/18) riferenza ghas-sit gewwa Triq Patri Girgor Grima, Ghaxaq, Malta li fuq l-istess sit gie mahrug il-permess bir-riferenza PA/05397/18.

Fir-rigward ta' Project Technik Ltd (PA/08318/18) riferenza ghall-*plots* numri tnejn u tlieta gewwa Triq tal-Qattus, Hal Ghaxaq, Malta li fuq l-istess gie mahrug il-permess bir-riferenza PA/08318/18.

Fir-rigward ta' Jean Pierre Attard (PA/10085/18) riferenza ghas-sit gewwa Triq tal-Qattus, Hal Ghaxaq, Malta, soggett ghall-permess bir-riferenza PA/10085/18

Fir-rigward ta' George Grech (K.I. nru. 38670(M)) (PA2280/19) riferenza ghal plot 1A gewwa Triq tal-Qattus c/w Triq Patri Girgor Grima, Hal Ghaxaq, Malta soggetta ghall-applikazzjoni bir-riferenza PA/02280/19.

Fir-rigward ta' George Grech (K.I. nru. 38670(M)) (PA/03729/19) riferenza ghal Plot 6A gewwa Triq tal-Qattus c/w Triq in-Narcis, Hal Ghaxaq

Taghmel u/jew tkompli tesegwi, inkella tinkariga u/jew tippermetti illi jsir kwalunkwe xoghol ta' kostruzzjoni, xoghol strutturali, xoghol ta' thaffir u/jew kwalunkwe zvilupp iehor, fis-siti hawn fuq indikati.

Dan qieghed jintalab *stante* li:

Il-permessi ta' zivilupp mahruga mill-Awtorità tal-Ippjanar (aktar 'l quddiem imsejha 'l-Awtorità') a favur tal-intimati u/jew l-applikazzjonijiet ta' zvilupp pendenti quddiem l-istess

Awtorità huma Ilkoll ibbazati u dipendenti fuq l-ezistenza tal-PC 000035/2012;

Il-PC 000035/2012, il-mod kif din ikkonfigurat l-artijiet kolpiti mill-istess u l-mod kif minnha nnifisha giet approvata lkoll qieghdin jigu kontestati mir-rikorrenti bhala mhux validi;

Fil-fatt, proceduri gudizzjarji f'dan is-sens gew imressqa (riferenza 269/18/GM) u qieghdin jinstemghu quddiem l-Onor. Imhallef Grazio Mercieca LL.D; permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti qieghdin jitolbu li l-imsemmija PC 000035/2012 tigi dikjarata nulla; fost talbiet ohra;

L-intimati gew ilkoll kjamati in kawza.

Wiehed ma jridx jinsa li l-PC 000035/2012 hija l-bazi jew il-pedament ta' kull applikazzjoni u/jew permess moghti fuq l-art affetwata mill-PC 000035/2012. Allura, il-mument li dan il-bazi jisfaxxa fix-xejn, se jisfaxxaw fix-xejn ukoll kull applikazzjoni pendenti u/jew permessi mahrug mill-Awtorità, inkluz ghalhekk dak mahrug lill-intimati. Dan anke ghaliex jekk il-PC 000035/2012 tigi dikjarata nulla, dan sejjer iwassal sabiex din terga' tigi imfassla mill-gdid, inkluz it-toroq li minnhom wiehed irid jghaddi sabiex jaccessa l-izvilupp li eventwalment sejjer isir fuq l-art milquta.

Fi ftit kliem allura: **Jekk l-intimati se jithallew jizviluppaw l-artijiet in kwistjoni qabel ma' tigi deciza l-kawza**

**<u>pendenti, se nispiccaw f'sitwazzjoni fejn il-konfigurazzjoni tal-art skont il-PC 000035/2012 se tinbidel totalment, inkluz ghalhekk it-toroq hemm stabbiliti, il-permess miksub minnhom se jigi konsegwentement annullat 'l ghaliex ma jibqax jaghmel sens, il-bini mibni minnhom jaf jispicca minghajr ebda access ghat-triq, konsegwenza ta' hekk ikollu jitwaqqa' fit-totalità tieghu u l-izvilupp kollu li jkun sar minnhom jisfaxxa fix-xejn.</u>**

Dejjem jekk it-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha, galadarba l-permessi moghtija fuq l-art soggetta ghal PC 000035/2012 jew inkella l-permessi li qieghdin fil-process li jinghataw, inkluz ghalhekk l-artijiet tal-intimati, jigu rezi ineffettivi, kwalunkwe xoghol ta' kostruzzjoni, xoghol ta' thaffir u/jew kwalunkwe xoghol iehor sejjer ikun sar skont permess li ta' bilfors se jkollu jigi revokat.

Naturalment, kemm-il darba jkun Iahaq sar xi xoghol mill-intimati u/jew ir-rapprezentanti taghhom fuq l-artijiet in kwistjoni, sejjer ikun difficli ferm, jekk mhux impossibbli li r-rikorrenti jreggaw l-art lura ghall-istat li qieghda fih prezentement.

Apparti hekk, u kemm-il darba jsir xi xoghol mill-intimati qabel ma tigi deciza l-kawza pendenti fl-intier taghha, id-drittijiet li r-rikorrenti qieghdin jittentaw jipprotegu propju bil-kawza hawn fuq imsemmija sejrin jisfaxxaw fix-xejn. Dan ghaliex jekk l-izvilupp, kif awtorizzat diga u/jew kif

eventwalment se jizi awtoritzzat mill-Awtorità, kellu jibda jitwettaq, ir-rikorrenti sejrin jispiccaw f'sitwazzjoni fejn l-artijiet in kwistjoni (u li jifformaw parti minn art akbar) sejrin jigu mibdula drastikament b'impossibilità kbir li dawn jergghu lura ghal kif inhuma llum. Isegwi allura li l-mument li l-izvilupp jibda u allura ssir din il-bidla, sejjer ikun impossibbli li s-sentenza li l-Qorti taf taghti fil-kaz pendenti tigi ezegwita b'success.

L-izvilupp propost mill-intimati u, f'certu kazijiet, approvat mill-Awtorità jinvolvi l-bini ta' ghadd ta' appartamenti u garaxxijiet. Wiehed jissoponi li dawn l-appartamenti u garaxxijiet sejrin jigu mibjugha lill-terzi; ifisser ghalhekk li eventwalment, sakemm ma huwiex qieghed isir hekk diga', dawn l-appartamenti u garaxxijiet sejrin jinbieghu lil terzi. Jekk allura l-intimati jithallew jibdew jizviluppaw l-artijiet in kwistjoni, ifisser li l-ezitu tal-kawza pendenti sejjer jaffetwa mhux biss id-drittijiet tar-rikorrenti imma anke d-drittijiet ta' dawn it-terzi; il-problema u l-konsegwenzi tal-izviluppar tal-artijiet in kwistjoni sejrin ghalhekk ikomplu dejjem jikbru u jikkumplikaw ruhhom.

Huwa car allura illi kwalunkwe xoghol u/jew tkomplija tax-xoghol li joghgobhom jaghmlu l-intimati sejrin iservu biss sabiex jinholoq pregudizzju serju u irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti u anke ta' terzi.

**Dan kollu jista' facilment jigi evitat jekk l-intimati jinzammu milli jibdew u/jew ikomplu bl-izvilupp pjanat ghall-artijiet in kwistjoni.**

**Illi l-pregudizzju huwa wiehed enormament pregudizzjevoli ghaliex kemm-il darba l-kawza tal-esponenti tintlaqa', se nispiccaw f'sitwazzjoni fejn kull xoghol li jkun lahaq sar ikun sar abbazi ta' permess u fuq skema tal-ippjanar li ma tkunx ghadha tezisti aktar.**

**Il-mandat huwa necessarju ghaliex prattikament, jekk ma jintlaqax, hemm probabbilità illi jkun hemm proprejtajiet <u>litteralment</u> mibnija fuq in-nullità.**

Rat id-digriet tat-23 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Gunju 2019, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Frances Desira (KI Nru 468750M) u Carmelo Vassallo (KI Nru 78876M) datata 27 ta' Mejju 2019 a fol 31 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Project Technik Limited (C 48668) datata 28 ta' Mejju 2019 a fol 40 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Jean Pierre Attard (KI Nru 96684M) u George Grech (KI Nru 38670) a fol 57 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-Hamis 6 ta' Gunju 2019, fejn meta ssejhet il-kawza dehru uhud mir-rikorrenti assistiti, u dehru uhud mill-intimati assistiti. Deher Kurt Abela ghan-nom tas-socjeta` intimata. Ir-risposta ta' George Grech u Jean Pierre Attard mhix in atti, izda Dr Carlos Bugeja ghar-rikorrenti jiddikjara li gie notifikat bir-risposta b'email u jinsab edott minna. L-istess George Grech u Jean Pierre Attard taw ruhhom b'notifkati bl-avviz tas-smigh. Xehed bil-gurament tieghu Oliver Magro, li prezenta Doks OM1 u OM2, u liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet qablu li ghadu ma nharigx permess rigward iz-zewg applikazzjonijiet ta' George Grech. Dr Carlos Bugeja ghar-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni tal-atti tal-kawza bin-numru 269/18/GM fl-ismijiet ta' "Carmelina Borg vs L-Awtorita` tal-Ippjanar et". Salv ghal din it-talba Dr Bugeja ddikjara li m'ghandux aktar provi. Dr Michael Grech irrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv illi fi proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni l-Qorti ghandha tidhol biss fuq bazi 'prima facie'. Xehdu bil-gurament taghhom: George Grech, Jean Pierre Attard, Kurt Abela u Frances Desira, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-mandat giet differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iwaqqfu lill-intimati milli jaghmlu u/jew ikompli jesegwixxu, inkella jinkarigaw u/jew jippermettu li jsir kwalunkwe xoghol ta' kostruzzjoni, xoghol strutturali, xoghol ta' thaffir u/jew kwalunkwe zvilupp iehor, fis-siti indikati fir-rikors.

L-intimati Francis Desira u Carmelo Vassallo opponew billi sostnew li l-presuppost ghal Mandat ta' Inibizzjoni ma jezistix, *stante* li r-rikorrenti m'ghandhomx *prima facie* jedd. Gie sostnut li s-siti li fuqhom qed jintalab il-mandat huma siti appartenenti lill-intimat u mhux ser isir l-ebda kostruzzjoni fil-proprjeta' tar-rikorrenti. Ghal dak li jirrigwarda l-irrimedjabbilita`, issottomettew li semmai f'kaz li l-proceduri istitwiti mir-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ikollhom ezitu favorevoli, u l-permess jigi dikjarat null, semmai huma ser ikollhom ihottu dak li jkunu bnew. Ghalhekk kwalsiasi pregudizzju eventwalment, f'kaz ta' nullita' tal-permess, jigi rekat biss mill-istess intimati. Dawn l-eccezzjonijiet gew sottomessi ghall-intimati kollha. Ghal dak li jirrigwarda Project Teknik Limited, gie eccepit ukoll li l-mandat huwa intempestiv billi l-permess ghadu *on executable.*

Gie eccepit ukoll li fir-rigward tal-permessi mahrugin favur George Grech, ghadu ma inhargix permess ghall-izvilupp

filwaq li fuq is-sit ta' Jean Pierre Attard, dan il-permess lanqas huwa pubblikat.

**Rizultanzi fattwali:**

Jirrizulta li inhargu permessi ghall-izivilupp favur l-intimati mill-Awtorita` ta' Malta ghall-Ippjanar, kif elenkati fir-rikors promotur, liema applikazzjonijiet huma ibbazati u dipendenti fuq l-ezistenza ta' PC 000035/2012. Ir-rikorrenti ipprocedew gudizzjarjament biex dan il-permess jigi dikjarat null *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap 16 fl-ismijiet **Carmelina Borg et v L-Awtorita' tal-Malta ghall-Ippjanar et.** Ir-rikorrenti qed jikkontendu li jekk tigi zviluppata l-art qabel ma jigi deciz il-kaz sucitat, se jkun hemm sitwazzjoni fejn il-konfigurazzjoni tal-art ser tinbidel totalment inkluz it-toroq stabbiliti. Ghalhekk, ir-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern.

Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti ma opponewx ghall-hrug tal-permess imsemmi 000035/2012. Jirrizulta li hemm appell pendenti[1] u rikors li ghadu pendenti ghas-sospensjoni tieghu.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li

---

[11] Risposta ta' Frances Deisra u Carmelo Vassallo

dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[2] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[3]

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Ikkonsidrat inoltre, li l-Mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa

---

[2] Ara f'dan is-sens "**Grech *proprio et nomine* vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[3] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista’ jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b’mod irrimedjabbli.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie'**

Ikkonsidrat li l-permess 000035/12 inhareg fuq applikazzjoni ta' diversi sidien ghall-iskop "*to establish the zoning, building height and road allignment*" riferibbilment ghas-siti imsemmija f'dan il-mandat.

L-avukat difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni, sostna li dan il-mandat hu mehtieg biex ir-rikorrenti jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom *stante* li m’ghandux rimedji ohra peress li m’hemmx appell minn applikazzjoni dwar *‘zoning’*. Jigi ritenut fl-ewwel lok, li din hija kwistjoni li tirrikjedi stharrig fil-mertu, kwindi m’hemmx lok ghal dan l-istharrig f’dan l-istadju ta’ *prima facie*. Gie sostnut ukoll li jekk l-ezitu tal-kaz fil-mertu, jkun fil-pozittiv, ix-xoghol li jkun sar ikun abbazi ta’ skema li m’ghadhiex tezisti, u dan ser jaghti lok ghal kawzi ohra. Ghalhekk, l-argument uzat mill-avukat difensur tar-rikorrenti dwar ir-rekwizit tal-irrimedjabilita` hu bbazat fuq dan il-punt.

L-intimati sostnew fit-trattazzjoni li dak li qed jintalab huwa li persuni privati jigu impeduti milli jaghmlu xoghlijiet fil-proprjeta' taghhom u in forza ta' permess li sallum inhareg validament u ghadu vigenti. Issottomettew li r-rikorrenti ma

jistghux javallaw ruhhom minn din il-procedura ghaliex ghad ma hemmx dikjarazzjoni gudizzjarja ta' nullita' tal-permess. Lanqas ghad m'hemm decizjoni quddiem il-Qorti tar-Revizjoni.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Oliver Magro, in rapprezentanza tal-Awtorita` tal-Ippjanar, li l-permess ghal PC 000035/2012, inhareg wara applikazzjoni bil-kunsens ta' mill-inqas 75% tas-sidien kollha. Jirrizulta wkoll, li xehdu diversi persuni mill-intimati f'dan il-kaz, fejn ikkonfermaw li x-xoghol ghadu ma bediex.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi fattwali, ir-rikorrenti qed jirreferu ghall-kaz fil-mertu istitwit quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta, Rik. Nru. 269/18GM u qed jirreferi ghall-kontenut f'dan il-kaz. Madankollu, dan il-kaz ipprezentat u l-kontenut tar-rikors mhumiex bazi *prima facie* ghal dan il-Mandat.

Inoltre' fit-trattazzjoni, l-intimati, tramite l-avukat difensur taghhom, issolleva l-punt li l-element tal-jedd *prima facie* rikjest ghal din l-azzjoni ma jissussistix peress li ma gietx identifikata l-art li r-rikorrenti jghidu li hija taghhom, u ma gie ippruvat imkien kif ir-rikorrenti ghandhom jedd fuq l-art tal-intimati li fuqha inhareg il-permess. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-argument u tosserva li l-prova *prima facie* tal-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti ma saritx. Tajjeb jigi wkoll affermat li l-argumenti kollha fil-mertu sollevati fit-trattazzjoni, ma japplikawx f'dan il-kaz. L-artikoli tal-Ligi tal-Kap 552 citati, certament ma impingux fuq l-ezitu ta' dan il-kaz.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw almenu fuq bazi *prima facie*, li ghandhom dritt x'jikkawtelaw.

Fid-dawl tas-suespost, lanqas ma jissoddisfaw l-element ta' irrimedjabbilita'. Aparti li dak li qed jintalab b'dan il-Mandat huwa li din il-Qorti tinjora permess li sallum huwa validament mahrug, l-argument issollevat mir-rikorrenti, dwar l-ezitu posittiv *o meno* tal-kaz Rik. Nru 269/18GM li jkun hemm komplikazzjonijiet billi jkollhom jfittxu lill-intimati ma jregix. Il-lanjanza tar-rikorrenti hija primarjament kontra l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ippjanar filwaqt li l-effett ta' sentenza ta' nullita' ser timpingi fuq il-permessi mahrugin favur l-intimati. F'tali kaz, kif tajjeb issottometta d-difensur tal-intimati, dawn ser jissubixxu l-effetti tan-nullita' tal-permess taghhom u mhux ir-rikorrenti.

Rigward imbaghad l-intempestivita`, jidher li uhud mill-intimati lanqas bdew jizviluppaw l-art taghhom u lanqas huma fil-possibilita' li jizviluppawha minhabba ragunijiet konnessi mal-ezegwibilita' tal-permess. Madanakollu dan wahdu ma jimpedix milli ssir talba bhal din odjerna billi l-iskop tal-mandat huwa intiz biex iwaqqaf il-kostruzzjoni u r-rikorrenti certament m'ghandhomx kontroll fuq kif u meta il-permessi isiru ezegwibbli u kif u meta l-intimati ser jibdew ix-xoghlijiet. Fl-ahhar mill-ahhar applikaw ghall-permessi relattivi taghhom proprju biex iwettqu xoghlijiet.

Madanakollu kif fuq ikkonsidrat, it-talba odjerna tfalli billi ma tissoddisfax iz-zewg elementi rikjesti ghall-hrug tal-mandat.

**III. DECIDE.**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, u wara li l-Qorti rat l-atti kollha relattivi, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Mejju 2019 fejn laqghet it-talba provizorjament, billi jirrizultalha li ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, tichad it-talba kif dedotta ghall-hrug ta' Mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-intimati.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2019**